MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 20/2001/2

**Angelo sive Lino Cefai ghan-nom tal-imsiefer Peter John McCann**

**v.**

**Maria mart Michael Fiteni f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha msiefra Antonia Apap; u Rev. Mons. Gregory Grech**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>:**

1. Dan hu appell interpost minn Angelo sive Lino Cefai ghan-nom tal-imsiefer Peter John McCann, li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, tal-20 ta’ Gunju 2007, fl-ismijiet premessi u, minflok, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

2.1 B’digriet moghti minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 2010, il-prolazzjoni tas-sentenza giet sospiza minhabba zewg pregudizzjali ta’ indole procedurali, li tqajmu per via ta’ eccezzjonijiet sollevati min-naha tal-appellati.

2.2 Skont l-appellati, dan l-appell huwa irritu u null kemm ghaliex gie interpost minn persuna, jigifieri Peter John McCann, li m’ghadhiex tifforma parti mill-kawza, u kwindi din l-istess persuna ma fadlilhiex aktar interess guridiku fil-meritu u fl-ezitu tal-appell, u fl-ahhar nett ghaliex f’dan l-appell ma jiffigurawx il-persuni kollha li kienu parti fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-ewwel grad.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

3. Wara li semghet it-trattazzjoni min-naha tal-partijiet dwar il-pregudizzjali surreferiti din il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li ghal dak li jikkoncerna l-inezattezza fl-okkju tal-kawza, dan huwa nuqqas li jista’ jigi sanat wara li ssir talba *ad hoc* ghad-debita korrezzjoni, mhux l-istess pero` jista’ jinghad fir-rigward tal-pregudizzjal l-iehor, dak principali, jigifieri fis-sens li fil-mument illi gie intavolat l-appell odjern f’isem Peter John McCann minn Angelo sive Lino Cefai, l-imsemmi McCann ma kienx ghadu parti fil-kawza u kwindi ma setax jappella bhala wiehed mill-atturi.

4. Minn ezami akkurat tal-atti tal-kawza jirrizulta, *inter alia*, verbal datat l-1 ta’ April 2003 (ara fol. 61 tal-process) li fih tnizzel li gej:

“Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Grech ghall-attur li nforma l-Qorti li permezz ta’ kuntratt atti Nutar Dr. Paul George Pisani tat-22 ta’ Jannar 2003 il-fond mertu ta’ din il-kawza gie trasferit lil Ralph Wallace Mitchell u martu

Beryl Patricia Mitchell u l-assunzjoni tal-atti relattivi ser issir appena l-istess konjugi Mitchell ikunu f'dawn il-gzejjer."

In segwitu u konformement mal-verbal fuq imsemmi, jigifieri in data tal-10 ta' April 2003, giet ipprezentata nota (ara fol. 62 tal-process) li tindika kif gej:

"**Nota ta' Ralph Wallace Mitchell u Beryl Patricia Simpson**

"Li permezz taghha qed jassumu l-atti ta' din il-kawza minflok l-attur Peter John McCann u dan stante l-akkwist da parti taghhom tal-fond oggett ta' din il-kawza permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul G. Pisani tat-22 ta' Jannar 2003 (Dok X)."

(Sottolinear tal-Qorti)

5. Issa apparti li, minkejja li sehhew dawn l-izviluppi kollha ma hemm xejn minn dan rifless jew riportat dwarhom fl-okkju tal-kawza, jirrizulta inoltre kjarament illi fil-kuntratt li gie ppubblikat fit-22 ta' Jannar 2003, (Dok X, fol. 64, it-tielet paragrafu) fl-atti tan-Nutar Pisani fuq imsemmi hemm imnizzel hekk testwalment:

*"Included in the present transfer all the litigious rights pertaining to purchasers in respect of two pending lawsuits before the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, in the names,* ***Maria wife of Michael Fiteni et v. Ta' Frenc Real Estate Company Limited et****, writ of summons number thirty seven of the year one thousand, nine hundred and eighty eight (37/1998MM) and* ***Angelo Cefai noe v. Maria Fiteni et****, writ of sommons number twenty of the year two thousand and one (20/2001)."*

6. Mis-suespost ma ghandu jkun hemm assolutament ebda dubju li l-appell gie interpost, kif gia` inghad, minn Angelo sive Lino Cefai ghan-nom tal-imsiefer Peter John McCann u dan meta l-imsemmi McCann ma kienx ghadu sid il-fond li dwaru hemm il-vertenza. L-akkwirenti l-godda, di fatti, saru (kif jidher li

baqghu) Ralph Wallace Mitchell u martu Beryl Patricia Simpson. Lanqas jirrizulta li l-imsemmi McCann zamm favurieh dak li jissejjah “id-dritt litigjuz” relattivament ghall-vertenza. Anzi jirrizulta espressament li tali dritt gie trasferit ukoll. Ghalhekk isegwi li l-appell odjern gie interpost minn persuna li m’ghadx ghandha *locus standi* fil-kawza u wisq anqas ma kellha jew ghandha aktar interess guridiku. Ifisser ukoll li l-oggezzjoni/eccezzjoni li giet sollevata min-naha tal-appellati dwar l-irritwalita` u nullita` procedurali ta’ dan l-appell hija ghal kollox fondata u timmerita li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, ghar-ragunijiet fuq esposti, tiddikjara dan l-appell bhala wiehed irritu u null u, konsegwentement, qieghda ghalhekk tichad dan l-appell kif dedott bl-ispejjez kollha relativa a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------